KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 41

Il-wieħed u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Graziella Attard Previ | Sindku |
| | John Pillow | Viċi Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI B'APPOLOGIJA | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

| | |
|---|---|
| *41.1* | *Qari tal-ittri ta' apologij ;* |
| *41.2* | *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 39 u 40;* |
| *41.3* | *Komunikazzjoni mis-Sindku;* |
| *41.4* | *Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;* |
| *41.5* | *Rapporti ;* |
| *41.6* | *Xiri ta' vann : Għall-manutenzjoni* |
| *41.7* | *ARMS [trasferiment ta' kontijiet]* |
| *41.8* | *Items Oħra ;* |
| *41.9* | *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;* |
| *41.10* | *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;* |
| *41.11* | *Mozzjonijiet ;* |
| *41.12* | *Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;* |

## 41.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

41.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija tal-kunsillier D.Muscat. Żied illi l-kunsillier P.Portelli għadu msiefer waqt illi l-kunsillier W.V.Baldacchino bagħat messaġġ li minħabba raġunijiet personali se jipprova jattendi tard, izda hemm ċans illi ma jkunx jista jattendi. Dawn kienu kolla skużati mill-kunsilliera preżenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-kunsillier A.Debono avza li se jkollu jattendi tard.

## 41.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 39 U 40

41.2.1 Rigward Minuti nru. 39 il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ *Minuti nru. 39*

41.2.2 Rigward Minuti nru. 40 il-kunsilliera I.Fenech ppropioniet li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier P.Radmilli issekondaħ *Minuti nru. 40*

## 41.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

41.3.1 Is Sindku qalet illi sfortunatament is sena bdiet fuq nota negattiva bil-qtil ta' żagħżugħa fuq il-Promenade ta' Tas-Sliema. Irringrazzjat lil pulizija għall-assistenza tagħhom fejn anka wegħdu se jkun hemm izjed patrols fl-area, u lesti biex jikkorespondu fuq Community Policing. *Sinja Dembska memorial*
Is-Sindku qalet illi waslu wkoll diversi talbiet biex isiru memorials,

fejn fost il-proposti kien hemm biex isir statwa, bank, plakka u siġra. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nistiednu lil min bagħat dawn il-proposti, flimkien mall-periti u noffru li l-ispejjez tal-permessi joħorġu mill-Kunsill.

41.3.2 Is-Sindku semmiet l-MoU li sar flimkien mall-MAGG fejn se jpoġġu monument bħala tifkira tal-pandemija u ż-żminijiet diffiċli li għaddejna minnhom matul dawn l-aħħar sentejn. *Monument: MAGG*
Se ssir talba biex l-ideja tagħhom biex din isiru fejn il-monument tal-familja tiġi riveduta.
Il-kunsillier K.Wain qal illi huwa importanti li ma jużawx materjal li hi espost għall-elementi tal-inħawi. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Perit jaf dwar l-effett tal-elementi u jeħodhom fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu.

41.3.3 Is-Sindku qalet illi flimkien mall-kunsillier P.Radmilli u mas-S.E saret laqgħa mas-sinja. Ii weġġħet minħabba każ ta' negliġenza fejn hi ġiet informata li m'għanda l-ebda bażi legali izda l-Kunsill kien lest isib 'out of court settlement'. Irriżulta li s-sinja waqqfet mix-xogħol, fejn kienet risqa lejn l-eta tal-irtira, izda li għanda tmur spiss għall-physio, kif ukoll hemm il-fatt illi trid tgħix bil-ġrieħi. *Mrs. Migneco: Inċident 2017*
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-ammont għanda tkun €1,000 Full and Final Settlement.

41.3.4 Is-Sindku għamlet referenza għal-messaġġ illi intbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu ddentifikati 9 positijiet biex isiru Bring In Sites. Dawn biex jkunu koperti mall-Avviz Legali 146/2021. Hi pproponiet li jsiru

- Dingli Circus
- Font Għadir wara l-Bus Stop li hemm quddiem La Gelateria
- Parking tal-Fortizza
- Ex Holiday Inn
- Fejn il-Distillation Factory
- Rudolph str. faċċala ta' triq San Ġakbu
- Imrabat quddiem id-dar tas-Salesjani

**Il-Viċi Sindku daħal għall-ħabta ta' 19:20**

Il-kunsillier V.Galea Pace pproponiet fejn it-taraġ tal-ponta [The

Point], triq Kurunell Savona u leara tal-Promenade mall-konfini tal-Gzira.

Is-Sindku fakkret illi għandom isiru fejn jistgħu jipparkjaw karozzi waqt illi s-S.E qal illi biex isiru fuq il-Promenade se jkun hemm bzonn il-kunsens tal-MTA.
Il-Viċi Sindku qal illi l-ERA għandom jifhmu li l-ispazju tagħna hija pjutost limitata.

41.3.5 Is-Sindku qalet illi l-EPOS machines għandom jaslu dalwaqt.

41.3.6 Is-Sindku qalet illi l-Website mhix turi l-informazzjoni kollha fuq il-Kunsill u l-lokalita. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi s-site qed turi anka kunsilliera antiki u mhux il-leġislatura t'issa. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi hemm site ġdida fejn anka tlabna informazzjoni fuq il-kunsilliera kollha li mhux kollox kien wasal izda s-site hija lesta biex tiġi online.

41.3.7 Is-Sindku qalet waslu ilmenti għall-fatt illi l-ikel tal-qtates titħalla f'diversi postijiet. Wara diskussjoni kien hemm qbil biex jitpoġġew tabelli biex in-nies ineħħu l-affarijiet wara li jitimgħu l-qtates.

## 41.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

41.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 41.5 RAPPORTI

41.5 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 41.6 XIRI TA' VANN

41.6.1 Is-Sindku qalet illi l-vann ta' spiss qed tkolla problemi li b'hekk il-haddiema ma jkunux jistaw jaħdmu. Il-Viċi Sindku qal illi fil-passat kien semma dan il-punt li ma tantx kienet wahda li tista tintuża u rrimarka li hemm bzonn waħda ikbar Vann għall-manutenzjoni
Kien hemm qbil, wara li ppropona E.Borg u ssekonda A.Debono, illi tinxtara vann ġdid li għanda tkun electric.

## 41.7 ARMS [TRASFERIMENT TA' KONTIJIET]

41.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet ittra sabiex jiġu trasferiti l-kontijiet ta' positjiet li qatt ma ġew devoluti lilna lill-Lands. L-ittra intbagħtet lil AKL ukoll u se tintbagħat reminder sabiex isir laqgħa bejn il-Kunsill, AKL u Lands. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm korrespondenza mall-President tal-AKL, u l-kunsillier P.Radmilli talab illi din tkun ċirkolata.

41.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li trid isir it-trasferiment tal-kont ta' Johnny Navarro issa li waslet għandna reading ġdida fejn il-kont hi ta' €53,000 inqas.

41.7.3 Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li jekk ma naslux, tintbagħat ittra lil Ministru. Kien hemm qbil.

## 41.8 ITEMS OĦRA

41.8.1 Il-kunsillier A.Debono staqsa għall-update dwar iz-zebra crossings ta' triq il-Kulleġġ Antik. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm l-approvazzjoni tat-TM izda l-RWP's għandom joħorġu meta jitlestew dawk illi għandna pendenti.

41.8.2 Il-kunsillier A.Debono staqsa dwar in-niċċeċ Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit lesta t-tender li daqt waslet biex toħroġ.

41.8.3 Il-kunsillier A.Debono ppropona li tintbagħat applizzjoni għall-iskema kulturali [SPI/SCI/9/2021] bl-ideja li ssir attivita mużikali u kulturali. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar kemm hemm bzonn xogħol bħalissa fuq dawk illi ġew approvati u hemm bzonn assistenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm ir-Regional Officers tar-Reġjun li huma hemm biex joffru servizz bħal dan. Kien hemm qbil unanimu fuq il-proposta.

41.8.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi żewġ proġetti fil-lokalita weħlu minħabba dewwiem f'negozji bejn il-Curia u l-PA u ma jarax għalfejn proġetti ta' relevenza għandom jibqaw fuq l-ixkaffa sakemm din l-MoU xi darba tiġi ffirmata. Ippropona li din tasal għand is-Segretarju Parlamentari biex isir pressure minn naħa tal-

Kunsill. Kien hemm qbil.

41.8.5 Il-kunsillier P.Radmilli għamel referenza għall-istqarrija li ħarġet mill-Kunsill rigward Pjazz Anunzjata u r-residential parking. Talab ilil din tintbagħat lill-Ministru.

41.8.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien evidenti li n-nies qed iħallu ammont ta' sigaretti fil-planters ta' Bisazza u ppropona li ssiru 'stickers' sabiex in-nies jirrispettaw dawn il-planters. Kien hemm qbil.

41.8.7 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ftit ilu tifel weġġa fil-Playing Field ta' Ġnien Margaret Mortimer meta waqa fuq ħġieġa li tħalliet hemm. Kien hemm qbil illi jsiru tabelli biex ħadd ma jidħol hemm bil-ħġieġ. Kien hemm qbil illi nżidu CCTV u li jkun hemm bye-law biex wieħed ma jkunx jista jixrob fil-Playing Fields.

41.8.8 Il-Viċi Sindku qal illi wara li rrisponda l-kuntrattur li għamel il-planters ta' Bisazza, għandu ma jaqbilx max-xogħol illi għamel u mhux vera li battal li kellu jbattal. Qal diversi xogħolijiet ma sarux u li l-kuntrattur stess qal illi mhumiex siġar izda shrubs.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi waqt illi jaqbel illi kellom isiru s-sapports, ma jaqbilx illi mhumiex siġar u li dawn is-siġar tiżborhom b'tali mod illi wara jiġu sew. Qal ukoll illi ma tagħmilx sens illi l-kuntrattur jaqla kollox issa.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi meta l-kuntrattur jiġi biex jagħmel is-sapports, inkellmuħ naqra u għandu jbatta siġra waħda ħalli naraw ix-xogħol illi sar.

**Is-Segretarju Eżekuttiv għaraf illi għaddew tlett sigħat u hemm bzonn qbil unanimu biex il-laqgħa titkompla. Kien hemm qbil.**

41.8.9 Il-Viċi Sindku qal illi waslet għandu talba biex isir mural għan-nom tas-sinja Dembska. Kien hemm qbil illi għanda tingħata konsiderazzjoni la nsibu post adekwat.

41.8.10 Il-kunsilliera I.Fenech resqet talba biex il-kunsill joffri klassi ta' self defence. Kien hemm qbil.

41.8.11 Il-kunsillier K.Wain talab illi ssir zebra crossing fejn l-Imperial. Is-Segretarju Eżekuttiv qal dik diġa qegħdina fil-lista.

41.8.12 Il-kunsillier V.Galea Pace qlet illi hemm tgergir fuq il-mural ta' Qui Si Sana. Il-Viċi Sindku qal illi dik saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm kunsens illi jekk hemm bzonn tirranġa ruħha izda mhux li titneħħa l-mural.

**Il-kunsillier D.Soler telaq fid-21:25**

41.8.13 Il-kunsilliera V.Galea Pace qalet hemm area fejn il-Post Office ta' Dingli str. li jeq jilqa l-ilma sabiex din titranġa.

41.8.14 Il-kunsilliera talbet illi jsiru izjed pjanti fil-planters illi hemm taħt il-Tlett siġriet u barra l-Kunsill.

41.8.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Bank qegħdin jitolbu resoluzzjoni sabiex ikun hemm User ġdid [is-Sindku] biex tkun tista tagħdi l-pagamenti minflok l-ex Sindku A.Chircop. Il-Viċi Sindku ppropona lis-Sindku. Il-kunsillier K.Wain issekondaħ.

41.8.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ħsarat fuq l-infrastruttura ta' Go plc meta saru xogħolijiet ġewwa triq Għar il-Lembi fil-bidu ta' 2021. Se jkollu izjed informazzjoni 'il quddiem.

**41.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/JEW SOTTO KUMITATI**

41.9.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**41.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

41.10.1 Il-kunsillier A.Debono qal il-ftehim ma' Stella Maris kien ta' €1,300 mhux ta' €1,500.

41.10.2 Rigward il-pagament lil ToM għall-fiera tal Milied irriżulta li kien hemm differenza bejn l-ammont u kien maqbul mill-kumitat u l-ammont illi talbu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu avza lil ToM kemm hemm fondi għalihom izda l-kalkuli ma kienx tajbin wara li rriżulta li l-informazzjoni li waslet għandu ma ġietx miftiehem.
Ġie diskuss illi ssir kuntatt mat-ToM biex inħallsu biss l-ammont li

għandom x'jaqsmu mall-pagamenti li saru minn naħa tagħhom għall-attivitajiet, u mhux għall-ammonti ta' xogħolijiet illi għamlu huma, bħala organizzazzjoni, eċċ. Wara kien hemm qbil illi nħallsu l-ammont totali dovut. Il-kunsillier P.Radmilli talab illi l-kunsillier inkarigat ma' kull proġett jinżamm cc fil-korrespondenza li jkun hemm fuq dik il-proġett partikolari.

41.10.3 Il-Viċi Sindku għamel referenza għall-pagament tat-tindif tal-bins. Qal illi fil-futur għandna naraw illi toħroġ tender apparti għas-servizz.

41.10.4 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu

**41.11 MOZZJONI**

41.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni li intbagħtet.

**41.12 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA LI JMISS**

41.12.1 Is-seduta ntemmet fl-22:30. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Tlieta 15 ta' Frar 2022 fis-6pm.

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Graziella Attard Previ**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**